MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 199/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joelin Attard**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva permezz ta' att ta' citazzjoni (datat 10 ta' April 2008) kontra Joelin Attard, bint Anthony u Helen nee` Sammut imwielda 04/10/1976 u residenti San Gwann, detentrici tal-karta ta' l-identita` 529176(M) talli naqset li taghti l-manteniment ghax-xahar ta' Jannar 2008 u Frar 2008 lil Stephen Abela [recte: Attard] u lill-hames uliedhom bi ksur ta' dak il-ftehim li sar bejniethom fil-8/08/2008 [recte: 2007] quddiem in-nutar Dr Timothy Ellis;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Gunju, 2008 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-

imsemmija Joelin Attard hatja tal-akkuza kif dedotta u kkundannatha gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Joelin Attard, minnha prezentat fis-26 ta’ Gunju 2008, li permezz tieghu talbet ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta’ Ottubru 2008; ikkunsidrat:

**1.** Jibda biex jinghad li kien biss fis-7 ta’ Ottubru 2008 li l-marixxalli ta’ din il-Qorti rnexxilhom jinnotifikaw lill-appellanti bl-avviz tas-smigh, u ghalhekk l-ewwel udjenza nzammet fid-9 ta’ Ottubru 2008. F’din l-udjenza nstema’ bil-gurament Stephen Attard. F’din l-istess udjenza hemm registrat hekk:

**“Il-Qorti gibdet l-attenzjoni tad-difensuri tal-partijiet li fil-fedina penali aggornata jidher li hemm sentenza moghtija f’April 2008 li tkopri nuqqas ta’ hlas ta’ manteniment ghall-periodu bejn Novembru 2007 u Frar 2008, u ghalhekk jista’ jkun li dik l-istess sentenza tkopri l-istess periodu tas-sentenza appellata.”**

Minhabba f’hekk il-Qorti ordnat li jitqieghed a disposizzjoni taghha l-process riferibbli ghas-sentenza ta’ April 2008.

**2.** Dan sar. Jirrizulta li permezz ta’ citazzjoni datata 5 ta’ Marzu 2008 l-appellanti giet akkuzata talli *“bejn Novembru 2007 u Frar 2008 inqast li taghti l-manteniment dovut…”* lil zewgha Stephen Attard. Ghalkemm f’din ic-citazzjoni tal-5 ta’ Marzu 2008 l-imputata hija indikata bhala Joelin Micallef, huwa evidenti li qed nitkellmu dwar l-istess persuna, kif jidher car mill-konnotati fuq il-komparixxi. F’din ic-citazzjoni ta’ Marzu l-imharrka giet indikata b’kunjom xbubita, cioe` Micallef, minflok bil-kunjom taz-zwieg. Issa, fuq din ic-citazzjoni, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabitha hatja b’sentenza moghtija fil-21 ta’ April 2008. Dik il-qorti, fuq ammissjoni, illiberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien xaharejn, u ordnatilha thallas mitejn u disgha w sebghin ewro u

hamsin centezmu (€279.50) fi zmien xahar ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap. 446. Din is-somma ta’ €279.50 tirraprezenta l-manteniment (ta’ Lm60 fix-xahar, skond il-kuntratt tat-8/8/2007 in atti Nutar Dott. Timothy Ellis) ghall-periodu ta’ <u>xaharejn</u> (€139.76 x 2), b’tali mod li huwa evidenti li l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha tal-21 ta’ April 2008, kienet qed tifhem bl-espressjoni *“bejn Novembru 2007 u Frar 2008”* proprju x-xhur ta’ Dicembru u Jannar, u mhux ukoll Novembru u Frar, li kieku jaghmlu erba’ xhur b’kollox. Ifisser ghalhekk li fir-rigward tax-xahar ta’ Jannar diga` kien hemm gudikat, u dan il-fatt jista’ jitqajjem, kif effettivament qed jitqajjem, anke *ex officio* mill-Qorti. Tibqa’, ghalhekk, biex tigi kkunsidrata l-imputazzjoni migjuba bic-citazzjoni tal-10 ta’ April 2008 fir-rigward biss tax-xahar ta’ Frar 2008.

**3.** L-appellanti, fir-rikors ta’ appell taghha, ressqet zewg aggravji. L-ewwel wiehed, ta’ natura procedurali, gie irtirat fl-udjenza tad-9 ta’ Ottubru 2008. It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena, li l-appellanti tikkontendi li kienet wahda eccessiva *“konsiderando kemm ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif ukoll il-fedina penali netta tal-esponenti…”*. Hawnhekk jidher li l-appellanti qed tipprova tghaddi biz-zmien lil din il-Qorti. Il-fedina penali ezibita fl-udjenza tad-9 ta’ Ottubru 2008 turi li hija ghandha kundanna ghal falsifikazzjoni ta’ dokumenti (8/4/2003), ohra talli ma haditx hsieb uliedha (21/3/06), ohra talli ppermettiet persuna li ssuq vettura meta dik il-persuna l-ohra ma kellhiex licenzja u ma kienitx koperta b’*insurance* (23/5/07), kif ukoll tlett kundanni minhabba nuqqas ta’ hlas ta’ manteniment (26/11/07, 3/3/08 u 21/4/08). Altru, mela, milli fedina penali “netta”! In vista tal-fatt, pero`, li din il-Qorti qed tqis li diga` kien hemm gudikat fir-rigward tax-xahar ta’ Jannar, u ghalhekk il-kundanna tas-16 ta’ Gunju 2008 hi valida biss in kwantu nstabet htija fir-rigward tax-xahar ta’ Frar 2008, ser ikun hemm ridimensjonament fil-piena. Din il-Qorti, pero`, qed twissi bl-aktar mod solenni lill-appellanti li hija ma tistax tibqa’ tisfida l-ligi penali, billi tinjora l-obbligazzjonijiet kontrattwali taghha dwar hlas ta’ manteniment, b’impunita`; u li jekk tibqa’ sejra hekk piena karcerarja ser tkun inevitabbli. Inoltre din il-Qorti tirrakkomanda li meta jitressqu kazi bhal dawn quddiem il-

qrati, l-ewwel nett l-imputazzjoni ghandha tkun cara u preciza ghal liema periodi jew skadenzi ta' manteniment tkun qed tirreferi bhala li ma thallsux. It-tieni nett, meta jkun kaz ta' nuqqas ripetut, bhalma ghandna hawn hekk, huwa importanti li l-fedina penali tigi ezibita quddiem l-ewwel qorti u mhux biss fi stadju ta' appell. Huwa veru li dawn il-kawzi, ghalkemm huma prosegwibbli *ex officio* u teknikament ma jirrikjedux il-kwerela tal-parti leza, fir-realta` jigu mibdija mill-pulizija biss fuq kwerela jew rapport li dak li jkun jaghmel ghax ma jkunx irceva l-manteniment, ghax il-pulizija mhix qieghda hemm biex – u anqas huwa possibbli ghaliha li – tissorvelja l-implimentazzjoni ta' kull digriet tal-qorti jew kull kuntratt ta' separazzjoni biex tara thallasx jew le l-manteniment. Minkejja dan, l-ufficjal prosekutur, galadarba jkollu rapport jew kwerela, ghandu jiehu ftit inizjattiva biex jara jekk il-kaz li ghandu f'idejh hux l-ewwel wiehed fir-rigward tal-imputat, jew wiehed ta' darba, jew hux wiehed minn sensiela ta' nuqqas ta' hlas, nuqqas li hafna drabi jkun xprunat mill-pika. Ghalhekk din il-Qorti ser tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur lill-ufficjal inkarigat mill-*Prosecutions Unit* fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija.

**4.** Ghall-motivi premessi, tilqa' in parti l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti hatja li ma hallsitx il-manteniment dovut ghax xahar ta' Jannar 2008, izda tikkonfermaha in kwantu sabitha hatja li ma hallsitx il-manteniment ghax-xahar ta' Frar 2008; thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn l-appellanti giet ikkundannatha ghall-piena ta' gimgha detenzjoni u minflok tikkundannaha ammenda ta' tmienja w hamsin ewro u tlieta w ghoxrin centezmu (€58.23), konvertibbli f'hamest ijiem detenzjoni f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

Fl-ahhar nett tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur lis-Supretendent Peter Paul Zammit, kif imsemmi fil-paragrafu **3**, *supra.*

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------